MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' April, 2014

Rikors Numru. 443/2014

**Av. Antonio Ghio noe.**

**vs**

**DMD Autoparts et.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 19 ta’ Mejju 2014 fejn gie allegat li *nonostante* li l-hrug tal-mandat ta' deskrizzjoni fuq premess, fejn l-intimat gie ordnat li ghandu "*izomm ghandu l-hwejjeg mobbli hekk deskritti u li tavzah li huwa responsabbli tal-irfih sewwa taghhom, taht il-piena li thedded il-Ligi ghal min jonqos"* agixxa b'disprezz lejn l-ordni ta' din il-Qorti billi inxtraw oggetti minghandu wara n-notifika u ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat. Ghalhek talab lil din il-Qorti sabiex, a tenur tal-Artikolu 1003 A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jibda l-procedimenti mehtiega kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti.

Illi ir-rikorrent jirrileva li waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat li sehhet fil-15 ta' April 2014, l-intimat kien mgharraf mill-Marixxalli tal-Qorti li ma jistax ibiegh il-prodotti li gew deskritti mill-espert tekniku Dr. Martin Bajada, izda minn *test purchases* li saru wara n-notifika u ezekuzzjoni, baqa' ibiegh dawn il-prodotti.

Rat id-Digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2014 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti b’erbat (4) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Daniel Zerafa tat-2 ta' Gunju 2014 fejn wiegeb billi qal li ghandu dubji serji dwar il-kontenut tal-affidavitsipprezentati mir-rikorrent mar-rikors tieghu izda dan kien ser iressaq l-argumenti u provi tieghu fil-mument opportun f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent, u rrizerva wkoll kull jedd ghad-danni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2000 fejn xehdu l-intimat Nicholas Testaferrata Jensen u Anglu Xeureb.

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti datat it-3 ta' Gunju 2014 fejn dehru Dr. Kenneth Grima, Dr. Antonio Ghio u Dr. Rizzo ghar-rikorrenti u Dr. Louis Degabriele u Dr. Paul Micallef Grimaud ghall-intimati. Dr. Grima esebixxa nota b'affidavit dwar *test purchase* li sar wara li din il-Qorti harget il-Mandat ta' Deskrizzjoni in kwistjoni, kif ukoll '*side moulding strip'* kif inxtrat bit-'test purchase' li hija ppakkjata f'borza tal-plastic u, kif jidher fid-dokumenti **AD3** sa **AD5** tal-affidavit, kif ukoll l-istess *part* ippakkeggata fil-kaxxa tal-kartun, u kif suppost tinbiegh gewwa Malta. Filwaqt li r-rikorrenti ddikjaraw li ma faddlilhomx provi ohra *ai fini* ta' dan ir-rikors, l-intimat irrizerva l-posizzjoni tieghu rigward provi li jixtieq jipproduci kif ukoll kontro-ezami tax-xhieda prezentata permezz ta' affidavit illum ghal quddiem il-Qorti li tkun dedotta mill-ezami aktar approfondita tal-allegat disprezz.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti esebiti kif ukoll il-*part* esebita f'borza tal-*plastic* u dak ippakkeggjat.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi permezz ta' Mandat ta' Deskrizzjoni (Numru 569/14) mahrug fl-istess ismijiet premessi fl-14 ta' April 2014, ir-rikorrent ghan-nom u bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera *Mobis Parts Europe N.V /Cars International,* din il-Qorti ordnat li jigu deskritti kull prodott jew ippakkettar tal-prodotti kontenenti l-markji in kwistjoni li jinsabu fil-post uzat minn DMD Autoparts, u cioe` f'6 Triq l-Imdina, Zebbug ZBG 9016; kif ukoll il-

lista ta' prodotti kif kontenut f'inventarju fil-*computers* fis-sit ta' DMD Autoparts, sabiex ikun accertat illi l-lista ta' prodotti li jinsabu fizikament fis-sit u elenkati mill-Marixxal tal-Qorti, ikun ekwivalenti mal-inventarju ta' prodotti li huma disponibbli ghand DMD Autoparts.

F'dan ir-rikors, ir-rikorrent isostni li l-intimat baqa' ghaddej bil-bejgh tal-prodotti u esebixxa affidavit ta' **Anton Dimech** mahluf fit-30 ta' Mejju 2013 li xehed li fis-27 ta' Mejju 2014 mar fil-hanut tal-DMD Autoparts, fl-indirizz deskritt fil-mandat, fejn personalment xtara numru ta' *spare parts* ghall-karrozza tad-ditta Kia (ircevuta **DOK AD1** u ritratti **(AD2-AD5).** Dan ix-xhud ikkonferma li l-*ispare part*, cioe` *moulding strip* inghatat lilu minghand DMD minghajr kaxxa, gewwa borza tal-*plastic* u fuq l-istess part baqa' parti zghira minn *sticker* imwahhla mieghu u fejn ghad hemm din il-bicca *sticker* zghira jidher li hemm xi grif.

Illi r-rikorrent esebixxa numru ta' affidavits ohra flimkien ma' ricevuti ta' *test purchases* li saru wara d-data tan-notifika tal-mandat minghand l-intimati, kollha rigwardanti *spare parts* ghall-karrozza Kia, u li huma indikati bil-kulur fuq id-deskrizzjoni tal-oggetti mehuda mill-espert tekniku li gie nominat minn din il-Qorti ghall-iskop tal-mandat.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti mid-dokumenti u provi prodotti mir-rikorrent nomine jirrizulta *prima facie* li l-intimati komplew ibieghu l-*parts* minkejja li dawn gew deskritti *ai fini* tal-mandat ta' Deskrizzjoni, u bi ksur tal-ordni ta' din il-Qorti u dan wara li gie notifikat lilhom id-Digriet ghall-hrug tal-Mandat ta’ Deskrizzjoni.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa'** t-talba dedotta fir-rikors u, *a tenur* tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex dan jibda l-procedimenti mehtiega kontra l-konvenut ghad-disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mill-intimati.

**Degretat**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------